*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,692, 14 ta' Diċembru, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 507 ta' l-2004**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

## Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2004 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel l-ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2004 dwar Żieda fil-paga għall-Impjegati, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2005.

Żieda għall-għoli tal-ħajja.

**2.** (1) Il-pagi ta' l-impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b'Lm1.75ċ fil-ġimgħa, u dan b'aġġustament għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żieda speċifikata fis-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu.